MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 1575/1999/1

**Joseph Gatt**

**vs**

**Direttur tax-Xoghlijiet**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz ippresentat mill-attur fejn talab lill-Qorti tiddikjara li l-proceduri in subbasta li jgibu n-numru 104/98 li saru kontra tieghu huma irriti u nulli u konsegwentement minghajr ebda effett u li l-kobvenut jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss mill-Qorti, li

jawtorizza r-rilaxx u zbank mill-attur tas-somma ta' tmien mija u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM840.29) li gew depositati b'kontestwali cedola ta' depositu u fit-tielet lok in konsegwnza ta' l-imsemmija talbiet li jigi dikjarat li x-xoghol reklamat u allegat li sar mill-konvenut, fil-fatt gie ezegwit a spejjez ta' l-attur.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa hekk:- Preliminarjament illi l-attur naqas milli jaghmel il-proceduri opportuni fiz-zmien stipulat mill-ligi u ghaldaqstant l-esponenti ghandu titolu ezekuttiv; u li minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrespingi t-talbiet ta' l-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u jitlob sabiex jigi kkonfermat t-titolu esekuttiv miksub mill-konvenut u tawtorizza l-izbank tas-somma depozitata mill-attur favur il-konvenut.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tas-16 ta' Lulju, 2001 u ta' l-20 ta' Marzu, 2001, il-Qorti tal-Magistrati ddikjarat null u bla effett s-subbasta li ggib in-numru 104/98 li saret kontra l-attur u li d-depositu li sar mill-attur ghandu jigi rifuz lilu peress illi l-att li fuqu gie bbazat gie dikjarat irritu u null, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Illi b'mod specifiku:
(i) fis-sentenza in parte ta' l-20 ta' Marzu 2001 l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet illi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-esponent u ordnat il-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-meritu;

(ii) fis-sentenza finali tas-16 ta' Lulju 2001 l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza billi filwaqt li halliet impregudikata it-tielet talba ta' l-attur laqghet it-tieni talba u ordnat ir-rilaxx u zbank favur l-attur fl-ammont ta' tmien mija u erbghin lira u disgha u ghoxrin centezmu (LM840.29) li kienu gew depozitati bic-cedola ta' depozitu kontestwali ma' l-avviz.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, tas-16 ta’ Lulju, 2001 u ta’ l-20 ta’ Marzu 2001 u interpona appell minnhom quddiem dina l-Qorti ta’ l-Appell fuq l-aggravji segwenti:

(I) Is-sottomissjonijiet ta’ l-appellant quddiem l-ewwel Qorti kienu dawn:
(a) ILLI peress illi l-Mandat ta’ Qbid Numru 147/86 kien intavolat fid-29 ta’ Jannar, 1986, l-ligi rilevanti hija dik li kienet tirregola l-procedura taht l-Artikolu 466, qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi fil-Kodici t’Organizzazzjoni u Procedura Civili ta’ l-1995. Fiz-zmien rilevanti l-Artikolu 466 kien jaghti s-setgha lill-Kap ta’ Dipartiment sabiex jitlob ghall-hlas ta’ kreditu permezz ta’ Mandat ta’ Qbid wara li jiehu gurament fuq l-imsemmi Mandat. Il-mandat ta’ Qbid kien l-uniku mandat li seta’ jinhareg abbazi ta’ l-Artikolu 466 qabel l-1995.

(b) ILLI l-Artikolu 467 kien jipprovdi ghall-bejgh bl-irkant tal-hwejjeg maqbuda liema bejgh ma kienx jehtieg li jigi kanonizzat permezz ta’ sentenza u l-hlas ta’ dak li jgib il-bejgh jinghata lill-ezekutant.

(c) ILLI l-Artikolu 468 kien jipprovdi illi sakemm ma jgibx azzjoni qudiem il-Qorti ghal dikjarazzjoni ta’ l-aggravju li bata u ghall-hlas tad-danni minghand il-Gvern.

(d) ILLI in sostenn ta’ l-ewwel eccezzjoni ta’ l-esponenti wiehed irid jezamina d-disposizzjonijiet transitorji relativi pprovduti fl-Att XXIV ta’ 1995 u cioe l-Artikolu 362, subartikolu (11), paragrafu (b) li jghid:
“*(b) Kull mandat ta’ qbid mahrug fuq talba tal-Kap ta’ Dipartiment bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 466 tal-Ligi principali kif kien fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh ta’ dan l-att ghandu jigi revokat mill-Qorti jekk, wara li jingieb rikors mid-debitur fi zmien tletin jum mid-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att jew mill-jum meta d-debitur gie l-ewwel notifikat b’dak il-mandat jew b’att gudizzjarju msejjes fuqu u li jkun fih referenza ghalih, skond liema jigi l-ahhar, il-Qorti tkun sodisfatta li t-talba tal-Kap tad-Dipartiment tkun infondata fil-mertu.*”

(e) ILLI ghaldaqstant l-attur kellu jikkontesta t-talba tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet permezz ta’ rikors (u mhux avviz) hafna qabel il-proceduri odjerni u cioe fi zmien tletin jum, jew minn meta gie fis-sehh l-Att XXIV ta’ l-1995; jew minn meta gie notifikat b’att gudizzjarju msejjes fuq il-Mandat, bhar-rikors ghas-subbasta jew bl-istess avviz tas-subbasta.

(f) ILLI filwaqt illi l-imsemmi Att gie fis-sehh permezz ta’ l-Avviz Legali 183 ta’ l-1995 fid-19 ta’ Dicembru, 1995; jirrizulta mill-istess process tal-Qorti a fol. 6, id-dokument ezebit bhala dok. “AD”, li Joseph Gatt gie notifikat b’att gudizzjarju msejjes fuq il-mandat, fil-4 ta’ Mejju, 1999, u qabel dawn il-proceduri odjerni l-attur qatt ma oppona ghall-azzjoni tal-Gvern.

(g) ILLI d-Dipartiment tax-Xoghlijiet umilment jissottometti illi l-attur naqas milli jaghmel il-proceduri opportuni fiz-zmien stipulat mill-ligi u ghalhekk l-esponenti ghandu titolu ezekuttiv ghall-ammont dovut lilu.

(II) Is-sottomissjonijiet ta’ l-attur appellat quddiem l-ewwel Qorti kienu dawn

(A) ILLI fl-ewwel lok l-artikolu 466 (1) jaghti l-fakulta lid-direttur li jipprezenta atti bhal dawn odjerni ghas-segwenti ragunijiet i.e. i. kull servizz; ii. Provvista; iii. Kera; iv. Ghal dritt ta’ licenzja; v. taxxa ohra dovuta. Issa l-attur irrileva li dak mitlub mill-konvenut ma jaqax taht ebda wahda minn dawn it-titoli u ghalhekk f’ebda mument ma seta’ jigi mahluf dan l-att u mandat relattiv.

(B) ILLI fit-tieni lok l-attur issottometta li fis-sub-artikolu 466 (2) hemm indikat li “*n-notifika ta’ att gudizzjarju ghandu jkollu effett daqskieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti*”. Dan skond l-attur ifisser li l-procedura stabbilita trendi l-istess effetti ta’ sentenza tal-Qrati nostrali u ghalhekk ghalkemm tippermetti l-hrug tal-mandati relattivi ghandha sahha ghal perjodu ta’ tlett snin jew hamsa kif sussegwentement emendata u dan skond l-Artikolu 258. Dan skond l-attur ghandu jgib in-nullita totali u assolut tal-proceduri indikati mill-konvenut u li fuqhom

qieghed jistrieh sabiex jsostni l-validita' tal-azzjonijiet legali tieghu ghall-pagament relattiv.

(C) ILLI skond l-attur kellha ssir talba ex-novo jew permezz ta' rikors ai termini ta' l-artikolu 258 li jghid li "wara l-gheluq ta' hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv....l-esekuzzjoni tista ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew it-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut." Din baqghet ma saretx u skond l-attur din tkompli ssahhah l-argument tan-nullita tal-mandat.

(D) ILLI fir-raba' lok l-attur issolleva illi ladarba l-mandat ta' qbid 147/86 hareg mill-binarji legali allura ma jibqax aktar il-kaz li jigu operattivi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 et sequitur. Ghalhekk skond l-attur ma kienx tenut li jipprezenta rikors sabiex jitlob li dak il-mandat jigi dikjarat null, izda kellu juza l-procedura normali ta' citazzjoni presentata skond il-Qorti kompetenti.

ILLI l-ewwel Qorti, fid-decizjoni taghha ta' l-20 ta' Marzu, 2001, qalet li filwaqt li l-argumenti ta' l-esponenti ghandhom il-validita' taghhom, izda l-Qorti ddecidiet illi l-argument ta' l-attur huwa aktar sod u aktar logiku fil-kamp legali.

ILLI l-appellant jispjega r-raguni ghaliex, fl-opinjoni tieghu, l-argument ta' l-attur, addottat fis-sentenza appellata huwa infondat.

ILLI l-ammont pretiz mid-Direttur tax-Xoghlijiet jirraprezenta kontribuzzjoni tat-triq u tad-drenagg li t-tnejn jikkostitwixxu servizz u ghalhekk jindwadraw ruhhom perfettament taht l-artikolu 466 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, anke kif emendat fl-1995 u mhux kif intqal mill-attur fil-paragrafu (A). Pero l-punt krucjali huwa illi l-Artikolu 466 kif kien redatt fiz-zmien meta inhareg il-mandat abbazi tieghu ma kienx jimponi restrizzjonijiet dwar it-tipi ta' krediti li setghu jigu enforzati permezz tieghu minn Kap ta' Dipartiment tal-Gvern.

ILLI l-ammont dovut minn Joseph Gatt huwa regolat bi procedura specjali taht l-imsemmi Artikolu 466 qabel ma gie emendat fl-1995 u ghalhekk l-argument migjub mill-attur fil-paragrafu (B) l-anqas biss huwa applikabbli ghaliex qabel l-1995 ma kenitx tezisti d-disposizzjoni taht l-artikolu 466 (2).

ILLI wisq anqas ghandha bazi legali t-tezi ta' l-attur fil-paragrafi (C) u (D), ghar-raguni illi l-artikolu 466 qabel ma gie emendat fl-1995, kien jipprovdi ghall-procediment esekuttiv ghall-hlas ta' krediti tal-Gvern, liema procediment esekuttiv tant kien specjali li ma kienx jinkwadra ruhu taht l-artikolu 251 (qabel l-emendi ta' l-1995) li jelenka it-titli esekuttivi u wisq anqas taht l-artikolu 256 (qabel l-emendi ta' l-1995) li kien jipprovdi ghat-tmexxija ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv wara l-eghluq ta' tliet snin. Il-procediment taht l-Artikolu 466 qabel l-1995 kien ghalhekk wiehed *sui generis* u dan tant illi meta l-legislatur elenka t-titoli ezekuttivi fl-Artikolu 251 (Kodici qabel l-1995) dan il-procediment specjali ma giex inkluz. Il-ligi li tirregola l-Mandat ta' Qbid li huwa l-oggett ta' din il-kawza hija l-ligi kif kienet fiz-zmien meta inhareg dak il-mandat. Inter alia il-ligi qabel l-1995 kienet tistipula fl-Artikolu 468 illi "Ebda oppozizzjoni ma tista' twaqqaf l-ezekuzzjoni tal-mandat, jew l-izbank tal-flus li jkun gieb il-bejgh fl-irkant tal-hwejjeg maqbuda: Izda l-ezekutat, jekk jidhirlu li gie aggravat b'din il-procedura jista' jagixxi kontra l-Kap tad-Dipartiment ghal dikjarazzjoni ta' l-aggravji li bata u ghall-hlas tad-danni minghand il-Gvern".

Huwa car illi l-procedura addottata mill-attur m'hux talli ma tikkonformax ruhha ma' dan l-artikolu izda talli tispikka ghal kemm tinjoraha.

Ghalhekk meta l-ewwel Qorti ittrattat il-procediment taht l-Artikolu 466 kif kien qabel l-1995 bhala 'titolu ezekuttiv' fit-termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap 12 hija ma kienitx korretta proprju ghaliex ma hemm xejn fl-Artikolu 258 illi jinkludi l-procediment taht l-Artikolu 466 kif kien qabel l-1995 bhala wiehed mit-titoli ezekuttivi li ghalihom jirreferi dak l-Artikolu (258).

ILLI l-esponenti jhoss li t-tesi tieghu fiha aktar bazi legali soda ukoll ghar-raguni li dan il-Mandat ta' Qbid jinkwadra ruhu perfettament taht id-disposizzjonijiet transitorji relativi pprovduti fl-Att XXIV ta' l-1995 u cioe l-Artikolu 362 subartikolu (11) paragrafu (b) li l-esponenti jhoss ghandu jerga' jemfasizza l-importanz tieghu meta jipprovdi:

*(b) Kull mandat ta' qbid mahrug fuq talba tal-Kap ta' Dipartiment bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-Ligi principali kif kien fis-sehh qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-att ghandu jigi revokat mill-Qorti jekk, wara li jingieb rikors mid-debitur fi zmien tletin jum mid-dhul fis-sehh ta' dan l-Att jew mill-jum meta d-debitur gie l-ewwel notifikat b'dak il-mandat jew b'att gudizzjarju msejjes fuqu u li jkun fih referenza ghalih, skond liema jigi l-ahhar, il-Qorti tkun sodisfatta li t-talba tal-Kap tad-Dipartiment tkun infondata fil-mertu."*

ILLI ladarba l-attur naqas li jaghmel il-proceduri opportuni hekk kif stipulat minn dan l-artikolu, allura l-esponenti jibqa' jsostni li l-Gvern ta' Malta ghandu t-titolu esekuttiv specjali li kienet tipprovdi l-ligi taht l-Artikolu 466 qabel ma gie emendat fl-1995.

ILLI l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ta' l-20 ta' Marzu, 2001 iddecidiet illi ladarba il-Mandat ta' Qbid inhareg fid-29 ta' Jannar, 1986, u dan gie esegwit fl-14 ta' Marzu, 1990, kien ghadda t-terminu ta' tliet snin u kwindi skond l-ewwel Qorti, il-Mandat kien diga tilef l-effetti esekuttivi tieghu u allura skond l-istess Qorti d-Direttur tax-Xoghlijiet ma setax ikompli bl-esekuzzjoni tieghu, qabel ma jgib konferma tal-mandat tramite d-dispost ta' l-artikolu 258.

ILLI fuq dan il-punt l-aggravju ta' l-esponent huwa ukoll car u manifest, meta l-ewwel Qorti applikat disposizzjonijiet tal-ligi li ma kienux applikabbli ghall-kaz in ezami, kif diga gie spjegat.

ILLI fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2001, li kienet mhollija ghall-provi fir-rigward il-mertu, gie trattat il-punt jekk kienx hemm lok li il-partijiet jgibu l-provi taghhom meta l-ewwel

sentenza tal-Qorti ddikjarat null u bla effett il-proceduri tas-subbasta u sussegwentement fis-sentenza tas-16 ta' Lulju, 2001, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-kawza favur l-attur u dan bi pregudizzju ghall-esponent. Illi filwaqt li jirreferi ghar-ragunijiet gi migjuba f'dan ir-rikors, l-esponent jissottometti ilii dan ukoll kien skorrett.

Ghaldaqstant l-appellant konvenut talab illi dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenzi appellati tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 ta' Marzu, 2001 u tas-16 ta' Lulju, 2001 u, minflok tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent u tichad it-talbiet kollha ta' l-attur u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' JOSEPH GATT</u>**

5. L-appellat attur wiegeb hekk:

(I) Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datati 16 ta' Lulju 2001 u precedentement ta' l-20 ta' Marzu 2001 jimmerithom konferma stante illi dawn inghataw fuq evalwazzjoni korretta tal-fatti kollha u tal-principji legali li gew ampjament esposti quddiem l-Ewwel Qorti ghas-segwenti ragunijiet:-

A. Illi fl-ewwel lok l-appellat hassu xi ftit sorpriz illi l-appellant ma intavolax appell wara l-ewwel sentenza preliminari jigifieri dik ta' l-20 ta' Marzu 2001 meta kienet propju dina s-sentenza li kkristalizza l-kwistjoni kollha legali ghaliex sabiex waslet ghaliha, l-Ewwel Qorti gustament dahal fil-punti kollha legali u wasal ghad-decizjoni tieghu bbazata fuq principji sodi u wara dibattitu legali li sar mill-partijiet koncernati;

B. Illi bir-rispett kollu lejn l-konvenut appellat ma jistax jikkontendi li huwa ghandu titolu esekuttiv kif ghamel fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu izda fl-istess nota jitlob lill-Ewwel Qorti tikkonferma li kellu dan it-titolu exekuttiv. Jew kellu dan it-tip ta' titolu jew ma kellux.

C. Illi fil-kawza li giet intavolata mill-attur huwa ppremetta illi l-proceduri in subbasta li ghandhom referenza bin-

numru 104/98 kienu rriti u nulli u dan ghas-semplici raguni illi t-titolu ezekuttiv li abbazi tieghu l-appelat ipproceda kien skada u tilef l-effetti kollha esekuttivi tieghu. Allura sabiex l-appellat setgha jintavola dawn il-proceduri ta' subbasta kellu l-ewwel jgib res esekutiv ex novo l-imsemmi Mandat ta' Qbid u wara jipprocedi bil-porcedura tas-subbasta. Dina l-haga ma saritx u ghalhekk ma setghax l-appellat jipproponi l-imsemmija procedura bis-subbasta;

Ghaldaqstant jissottometti l-appellat illi dina l-Qorti ta' l-Appell ghandha tikkonferma s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Marzu 2001 u fis-16 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Ikun utli li qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tiddelibera dwar l-aggravji ta' l-appell intavolat mill-konvenut appellant jinghata riassunt in succint tal-fatti saljenti tal-kaz li in realta' m'humiex daqstant komplessi. In-nuqqas ta' qbil li wassal ghal din il-vertenza huwa wiehed strettament ta' indole legali u proceduralI.

7. Fid-29 ta' Jannar 1986, il-konvenut, fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tax-Xogholijiet ottjena mandat ta' qbid kontra l-attur ai termini ta' l-artikolu 466 tal-kap. 12. Dan il-mandat gie esegwit fl-14 ta' Marzu 1990. Fl-1998, cioe tmien snin wara, il-konvenut ipproceda ghall-fini ta' subbasta (att numru 104/98), liema proceduri gew notifikati lill-attur appellat fl-4 ta' Mejju 1999. Dawn il-proceduri ta' subbasta gew in segwitu sospizi peress li l-attur, flok ma hallas dak pretiz kontra tieghu mill-konvenut, effettwa depozitu ta' l-ammont mitlub mill-konvenut (ara cedola numru 2341/99 li saret fid-29 ta' Ottubru 1999).

8. L-attur appellat isostni li darba li l-mandat ta' qbid mahrug mill-kontroparti kien jekwivali ghal titlu ezekuttiv, il-validita' tieghu kienet biss ta' tlett snin u se mai biex jerga' jigi rez esegwibbli u ezekuttiv kellha ssir il-procedura stabbilita' bl-artikolu 258 tal-Kap. 12, li ma

saritx. Dak kollu li sar wara allura skond l-appellat kien null u bla effett.

L-appellant konvenut invece jsostni li meta li meta hu pproceda ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12 ma kien hemm xejn li jimponi restrizzjonijiet fuq it-tipi ta' krediti li setghu jigu inforzati permezz tieghu minn kap ta' dipartiment governattiv. Il-procedura dakinhar addottata kienet regolata bi procedura specjali u li ma kienetx tinkwadra ruhu taht l-artiklu 251 li jelenka t-titli ezekuttivi u wisq anqas taht l-artiklu 256 dwar it-tmexxija ghall-ezekuzzjoni ta' titlu ezekuttiv wara l-gheluq ta' tlett (3) snin. Il-provediment mehud taht l-artiklu 466 kien ghalhekk wiehed sui generis - u dan qabel ma gew fis-sehh l-emendi fil-ligi fl-1995 permezz ta' l-Att XXIV. F'kull kaz ukoll il-mandat ta' qbid de quo kien, skond l-appellant, jinkwadra ruhu perfettament taht l-artiklu 362 (11) (b) kif emendat fl-1995. L-attur appellat allura jigi li naqas li jiehu proceduri kif hemm stipulat f'dana l-artiklu 466 tal-Kap 12.

9. Il-vertenza, wahda ta' indole legali, tipprovdi spunti interessanti li m'humiex daqstant facli ghal fini ta' rizoluzzjoni. Di fatti, l-Ewwel Qorti wara li rrikonoxxiet li hemm validita' fl-argomenti sottomessi miz-zewg nahat kompliet telabora li "ssib l-argument ta' l-attur huwa aktar sod u aktar logiku fil-kamp legali".

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hija wkoll tal-fehma li miz-zewg tezijiet li gew avanzati mill-partijiet, l-aktar wahda legalment attendibbli hija dik ta' l-appellat attur u dan ghar-ragunijiet li ser jinghad hawn taht.

10. Illi ghalkemm huwa minnu li l-procedura li tiskaturixxi mill-artiklu 466 tal-Kap. 12 hija wahda specjali – jekk mhux eccezzjonali wkoll – b'daqstant ma jfissirx ukoll u lanqas esegwi, kif argomenta l-appellant, li t-titlu ezekuttiv minnu ottenut huma specjali u sui generis talment u sal-punt li jibqa' fis-sehh in eternita' fis-sens li jista' jigi esegwit meta huwa jfettillu bla ebda limitu ta' zmien kwalsiasi.

Huwa minnu li l-artiklu 362 (11) (b) citat mill-appellant, u kif emendat bl-Att XXIV tal-1995, hemm ipprovdut fih il-mod kif debitur ezekutat jista' jressaq opposizzjoni ghalih entro terminu ta' zmien specifikat imma dan hu hekk kemm-il darba l-imsemmi mandat ta' qbid ikun ghadu ezekuttiv u konsegwentament esegwibbli. Dan hu hekk ghaliex jekk, kif qed jargomenta l-appellat, bid-dekors ta' tlett snin kien jinhtieglu procedura ad istanza tal-ezekutant, igifieri tal-appellant u din ma tkunx saret, allura jfisser li dak kollu li sehh wara jkun null ghaliex "quod nullum est nullum producit effectum". Illi kif gie emendat l-artiklu 258 tal-Kap. 12 fejn qabel il-procedura imsemmija kienet trid tigi ezercitata entro tlett (3) snin issa din giet estiza ghal zmien ta' hames (5) snin wara talba b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, u minkejja li hawn si tratta ta' procediment specjali favur il-Gvern, xorta wahda kien ghad hemm il-htiega li, darba li ddekorra il-perijodu legali, kellha ssir jew tittiehed il-procedura hemm stabbilita, Kap ta' Dipartiment inkluz. Illi ghalhekk, kif gustament gie ritenut fis-sentenza appellata datata s-16 ta' Lulju 2001, una volta li "l-konvenut ma ghandux dak it-titolu ezekuttiv sabiex permezz tieghu ssir is-subbasta . . . quindi d-depozitu li sar mill-konvenut . . . . ghandu jigi rifuz lill-istess attur peress illi l-att illi fuqu gie bbazat (huwa) gie ddikjarat irritu u null." Kif gustament ukoll gie ritenut mill-ewwel Qorti fl-ewwel sentenza taghha moghtija fl-20 ta' Marzu 2001, u li dwarha wkoll gie interpost appell, sakemm il-konvenut ma jipprevalix ruhu mill-fakulta' moghtija lilu mill-artikolu 258 tal-Kap. 12 ma jistax jinghad illi llum ghandu jew jista' jivvanta dak it-titlu ezekuttiv sabiex permezz tieghu ssir is-subbasta numru 104/98 kif innotifikata mill-attur fl-4 ta' Mejju 1999.

Ghal dawn il-motivi u billi l-aggravji ta' l-appell huma infondati tiddeciedi, billi filwaqt illi tikkonferma in toto kemm is-sentenza moghtija fl-20 ta' Mejju 2001 u dik tas-16 ta' Lulju 2001, tichad l-appell tal-konvenut appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg
df